SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 5811

Illum it-Tlieta, 27 ta' Settembru 2011
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.30pm.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

## SKUŻAT

Il-Viċi Sindku s-Sur Balzan bagħt ċertifikat mediku.

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 5711 li saret nhar it-Tnejn, 29 ta' Awissu 2011 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

### *1.1.1 Devoluzzjoni ta' propjeta*

Il-Kunsilliera Caroline Galea rreferit għall-minuta 4.1 tal-laqgħa preċedenti u staqsiet kienx hemm xi żvilupp fir-rigward tat-talba għad-devoluzzjoni tal-propjeta li bħalissa kienet qed tintuża mill-Kunsill Malti għall-Kwalifiki. Is-Sindku ta spjegazzjoni ta' l-informazzjoni mhux uffiċċjali li kellu dwar il-propjeta msemmija. Waqt diskussjoni li qamet f'dan ir-rigward sar magħruf ukoll l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni jidher li għandu proġett alternattiv għal użu ta' din il-propjeta'. Fid-dawl ta' din l-informazzjoni s-Sindku ppropona li t-talba tal-Kunsill għad-devoluzzjoni ta' din il-propjeta għanda tiġi rtirata.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn id-29 ta' Awissu 2011 u s-27 ta' Settembru 2011 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 1001/11/O – Editur l-"Orizzont" – tweġiba mis-Sindku
- 1117/11/O – Direttur – Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali (MRRA) – siġar fi Triq iż-Żnuber
- 1138/11/O – Direttur – Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali (MRRA) – *uprooting* ta' siġra taċ-ċipress
- 1137/11/O – Silvio Schembri - sħubija Gal Xlokk
- 1101/11/O – Transport Malta – *Bus stop* fit-Triq tal-Barrani
- 1064/11/O – Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali – Devoluzzjoni ta' art f'Santa Luċija

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 879/11/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 66/2011 – Skema ta' finanzjament għal titjib fil-*Playing Fields* eżistenti
- 886/11/I – WasteServ Malta Ltd. – *European Week for Waste Reduction*
- 1045/11/I – Resident – *Parking* fi Triq il-Ġjaċinti
- 1059/11/I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – *National Volunteer Award* 2011
- 1065/11/I – St. Benedict College - *Job Exposure Project* 2012
- 1125/11/ I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema ta' finanzjament ta' proġetti speċjali 2011
- 1146/11/I – Montary Ltd. – *letter of appreciation*
- 1158/11/I – Enemalta – *New street lighting* fi Trejqet il-Petunja u Triq il-Ġiżimin
- 1159/11/I – Enemalta – *New street lighting* fi Triq ir-Rand
- 1174/11/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 90/2011 – Skema dwar inizjattivi sportivi fi-lokalitajiet 2011

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:*

- SLLC *Memo* 13/2011 – Devoluzzjoni tal-*premises* tal-Malta Qualifications Council
- SLLC *Memo* 14/2011 – *Invoices* ta' Karmig Trading Ltd.
- SLLC *Memo* 15/2011 – *Drive through* ATM
- SLLC *Memo* 16/2011 – Gal Xlokk *membership*

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 879/11/I il-Kunsill iddiskuta *memo* 66/2011 dwar l-iskema ta' finanzjament għal titjieb fil-*Playing Fields*. Is-Sindku qal li ntalbet stima tax-xogħol involut fuq il-manutenzjoni neċessarja tal-*Playing Field*.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 886/11/I il-Kunsill iddiskuta *e-mail* li ntbagħtet mill-WasteServ Malta Ltd. li ser ikunu qed jorganizzaw *'European Week for Waste Reduction'* f'Malta. Is-Sindku ppropona li għal din l-attivita' li ser issir bejn id-19 u s-27 ta' Novembru 2011, il-Kunsill jerġa' jvara l-inizjattiva mmirata għal tfal ta' bejn is-sitta u tnax-il sena li jingħataw ktieb b'xejn għal kull 30 flixkun miż-żgħar tal-minerali jew ilma li jirnexxielhom jiġbru. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1045/11/I il-Kunsill laqa' t-talba ta' resident li ssuġerixxa li jitwaħħal *no parking sign* bejn Triq il-Ġjaċinti u Triq il-Vjoli.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1059/11/I il-Kunsill qabel li jinnomina lil Anne Marie Agius għal premju '*National Volunteer Award* 2011'.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1065/11/I il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni biex studenti minn Saint Benedict College ikollhom *job experience* fl-uffiċċju amminstrattiv tal-Kunsill.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1125/11/I il-Kunsill iddiskuta dwar xi proġett jista' jressaq għall-iskema ta' finanzjament ta' proġetti speċjali 2011. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japplika għal fondi biex isir ir-*reservoir* fil-Masġar Karl Chircop. Huwa qal li diġa hemm il-permessi tal-Mepa għal dan il-proġett. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta'

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru ta' referenza 1145/11/I il-Kunsill innota *e-mail* li ntbagħtet minn residenta fi Triq il-Ġjaċinti li talbet li ssir *disabled parking space* quddiem ir-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li din ir-residenta għandha timxi mal-proċeduri u tressaq it-talba tagħha lil Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita'.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1146/11/I il-Kunsill innota ittra ta' apprezzament li bagħt is-Sur Joe Montebello, Direttur tal-Kumpanija Montary Ltd. fir-rigward ta' l-organizzazzjoni ta' l-attivita' '*Car Free Day*'. Is-Sindku nforma l-Kunsill li s-sur Montebello offra wkoll għaxar kopji tal-ktieb tiegħu '*Cycle Malta and Gozo'* għal-librerija pubblika.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1158/11/I u 1159/11/I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Enemalta approvat it-talba tal-Kunsill għal dawl ġdid fi Triq il-Petunja, Triq il-Ġiżimin u Triq ir-Rand. Huwa qal li kellu *site meeting* mal-

kuntrattur u jidher li hemm bżonn ta' xogħol ta' *trenching* biex ikun jista' jsir dawl ġdid kif indikat mill-Kunsill. Huwa qal li ser iressaq stima għal dan ix-xogħol.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1160/11/I is-Sindku rrefera għal *memo* 90/2011 dwar skema inizjattivi sportivi u qal li kien kellem lil uffiċċjal ta' Santa Luċija Football Nursery dwar xi inizjattiva sportiva li tista' ssir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill taħt din l-iskema.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'*

Is-Sindku tkellem dwar il-proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita' li ser isir mill-fondi tal-protokol bejn Malta u ċ-Ċina. Huwa ta spjegazzjoni ta' f'hix jikkonsisti dan il-proġett li skont stima li tlestiet min-naħa Ċiniża ser jiswa madwar €1,750,000.00. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jieħu ħsieb il-permess tal-Mepa għal dan il-proġett.

### 4.2 *Attivitajiet għall-Milied*

Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet marbuta mal-festi tal-Milied għal din is-sena. Is-Sindku ppropona li ssir attivita' bil-*Carol singing* fit-toroq li matulha jinġabru fondi għall-Malta Community Chest Fund. Waqt din l-attivita' Father Christmas ikun qed iqassam ir-rigali lit-tfal li l-ġenituri tagħhom stess ikunu xtraw. Huwa ppropona l-21 ta' Diċembru 2011 għal din l-attivita'. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

### 4.3 *Computer – EGOV4U*

Is-Sindku tkellem dwar il-*computer centre* li ser jitwaqqaf fil-librerija pubblika u qal li l-Kunsill ser jingħata għaxar *computers* taħt l-iskema EGOV li ser toffri taħriġ għar-residenti fuq is-servizzi tal-*e-government*. Huwa ppropona li l-Kunsill jixtri għaxar *wall mounted* TFT's għal dawn il-*computers*. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u ġie deċiż li toħroġ sejħa għal kwotazzjonijiet għax-xiri ta' dawn it-TFT's.

### 4.4 *Skultura għal Ġnien ta' l-Iskultur*

Is-Sindku tkellem dwar proposta li saritlu biex skultura tal-ġebel titwaqqaf fil-Ġnien ta' l-Iskultur. Huwa ppreżenta quddiem il-Kunsill *sketch* ta' din l-iskultura li tirrappreżenta l-evoluzzjoni tal-bniedem. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din il-proposta.

**4.5** ***Tilqima kontra l-Influenza***

Il-Kunsill innota suġġeriment li sar minn resident fejn ippropona li l-avviż tat-tilqima kontra l-Influenza jintbagħt f'kull dar fejn r-residenti għandhom 'il fuq minn ħamsa u ħamsin sena.

**4.6** ***Ħarġa Kulturali***

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li l-Viċi Sindku qed jipproponi li jorganizza ħarġa kulturali għax-xahar ta' Ottubru 2011. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din il-proposta.

**4.7** ***Triq Kaħwiela – ħinijiet ta' l-iskola***

Il-Kunsill iddiskuta proposta li ressaq pulizija li jinzerta fuq xogħol ħdejn l-iskola tal-Junior Lyceum tal-kulleġġ San Benedittu waqt il-ħin li jiskulaw l-istudenti. Il-Kunsill irreveda dawn il-proposti u qabel li jitlob l-approvazzjoni ta' l-Awtroita' Dwar it-Trasport biex Triq il-Kaħwiela tingħalaq għal siegħa bejn is-7.30a.m sat-8.30a.m u bejn is-2.30p.m u 3.30p.m. Huwa qabel li f'din it-triq isir *no entry sign* minn ħdejn is-*substation* bil-ħinijiet imsemmija u jibqa' biss l-aċċess għat-trasport ta' l-iskola u għar-residenti.

**4.8** ***Fitness Classes***

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar il-*fitness classes* li ser jibdew fix-xahar ta' Ottubru 2011. Kopja ta' l-avviż bid-dettalji kollha ġew ippreżentati waqt il-laqgħa.

**4.9** ***Gal Xlokk - membership***

Is-Sindku rrefera għal SLLC *memo* 16/2011 li bagħt lil Viċi Sindku u Kunsilliera fl-20 ta' Settembru 2011. Huwa qal li jista' jagħti l-każ li għal din is-sena l-Kunsill ma jkollu għalfejn iħallas xejn biex isir membru fil-Gal Xlokk. Huwa qal li s-sena d-dieħla l-Kunsill ser ikun qed jallokka €5000 għal *membership fee* ħalli jkun fost il-lokalitajiet imsieħba fil-GAL Xlokk u jkun jista' jġib fondi mill-Unjoni Ewropea biex isiru proġetti f'żoni rurali.

**4.10** ***Tweġiba għall-ittra li dehret fl-Orizzont***

Is-Sindku rrefera għall-ittra li dehret fl-Orizzont ta' nhar l-Erbgħa, 7 ta' Settembru 2011dwar il-problema ta' ilma li kien ħiereġ fi Triq Maria De Domenicis. Huwa qal li kien bagħt tweġiba għal din l-ittra għax ħass li kellu jiċċara xi affarijiet fir-rigward ta' dak li kiteb resident minn Santa Luċija. Is-Sindku spjega fid-dettal il-passi kollha li ħa l-Kunsill biex ġiet solvuta din il-problema. Huwa qal li minn informazzjoni li għandu l-Kunsill jidher li l-problema kienet fil-bitħa ta' l-appartament ta' dan ir-resident fejn kien hemm sadd tas-sistema tal-komun tal-blokka fejn joqgħod. Huwa qal li s-sadd fil-komun tal-blokki tal-*housing estates* ma taqgħax taħt ir-responsabilta' tal-Kunsill. Huwa kompla jgħid li d-dewmien

f'każi bħal dawn jiddependu minn kemm iddum biex tiġi stabbilita' l-problema u din mhix fil-kompetenza tal-Kunsill Lokali. Huwa kompla jgħid li jiddependi wkoll minn kemm ir-residenti kkonċernati jdumu ma jieħdu ħsieb biex jinfetaħ is-sadd li jkollhom fis-sistemi tad-dranaġġ tagħhom.

### 4.11 *Żbir u qtugħ ta' siġar*

Is-Sindku rrefera għal minuta 3.3 tal-laqgħa preċedenti u nforma l-Kunsill li kien sar *site meeting* ma' uffiċjal mill-MRRA (Agr) fejn ġie stabbilit li s-siġra fi Triq iż-Żnuber tiġi miżbura u siġra oħra fid-daħla tal-binja ta' *Flats* Independenza fi Triq il-Prinjoli għandha bżonn tinqala' minħabba li qiegħda quddiem it-twieqi ta' l-appartamenti kif ukoll għaddejja mal-*wires* tal-*high tension*. Is-Sindku nforma wkoll dwar talba li saret minn residenta fir-rigward ta' siġra taċ-ċipress li tinsab fi Triq Helen Buhagiar kantuniera ma' Triq il-Fuxa. Huwa qal li din is-siġra qiegħda toħloq periklu peress li qed tmiss mal-linji tad-dawl. Huwa kompla jgħid li kien ġibed xi ritratti u kiteb lid-Direttur fl-MRRA (Agr) biex jinħareġ il-permess biex din is-siġra tkun tista' tinqala'.

### 4.12 *Bus Stop f'Tal-Barrani Road*

Is-Sindku qal li kien kiteb lil Arriva Ltd. dwar il-possibilta' li ssir *bus stop* fi Triq tal-Barrani minn fejn tgħaddi r-rotta numru 84 li titlaq miż-Żejtun għal Belt. Huwa qal li diġa jeżisti permess tal-Mepa biex isir *bus shelter* f'din it-Triq.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV3719 sa numru BOV3748 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti mill-25 ta' Awissu 2011 sat-12 ta' Settembru 2011.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti tal-Laqgħa numru 5811.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **€** |
|---|---|---|---|
| Karmig Trading Ltd. | RM/PF(57/09/02) | 846 | 1159.71 |
| Karmig Trading Ltd. | RM/PF(57/09/02) | 847 | 1091.52 |
| Karmig Trading Ltd. | RM/PF(57/09/02) | 845 | 281.33 |
| Karmig Trading Ltd. | RM/PF(57/09/02) | 844 | 131.05 |
| Karmig Trading Ltd. | RM/PF(57/09/02) | 843 | 1653.47 |
| Nexos Street Lighting | *Street Lighting* | 20010086 | 250.75 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | 7754 | 2061.50 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Signs/Mkgs* | 15112 | 328.90 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Signs/Mkgs* | 15110 | 333.37 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Signs/Mkgs* | 15111 | 358.77 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Signs/Mkgs* | 15108 | 307.45 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Signs/Mkgs* | 15109 | 132.30 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Signs/Mkgs* | 15272 | 226.02 |
| Ronald Bezzina | (SS)57/09/01 | *Serv. Aug.11* | 1131.53 |
| Ronald Bezzina | SLLC Q(57/11/04) | *1 Bowser serv. July 11* | 400.00 |
| Ronald Bezzina | RC(57/10/01) | *Serv. Aug.11* | 2864.25 |
| Ronald Bezzina | SLLC Q(57/11/04) | *2 Bowser Serv.Aug.11* | 400.00 |

## 6. TENDER (HB)57/11/04 – Manutenzjoni tal-Blokkijiet tal-Housing

Is-Sindku rrefera għas-sejħa hawn fuq imsemmija li għalqet fit-12 ta' Settembru 2011 u li għaliha kienet intefgħat offerta waħda tal-kuntrattur Ricky Caruana. Huwa qal li l-perit tal-Kunsill ġie nkarigat iħejji *adjudication report* fuq din l-offerta. Is-Sindku qal li dan ir-rapport irid jiġi approvat mill-Awtorita' tad-Djar. Il-Kunsill qabel li hekk kif l-Awtorita' tad-Djar tapprova dan ir-rapport, il-Kunsill għandu joħroġ il-*letter of acceptance* lil kuntrattur ħalli jibda x-xogħol.

## 7. XOGĦOLIJIET

### 7.1 *Kwotazzjoni SLLC Q(57-11-05)*

Il-Kunsill iddiskuta żewġ offerti għal kwotazzjonijiet għal xiri ta' materjal għal manifattura ta' l-ixkaffar u skrivanija għal-librerija pubblika ta' Santa Luċija. Il-kwotazzjonijiet li rċieva l-Kunsill għal din is-sejħa huma kif ġej:

| Kuntrattur | Indirizz | Ammont (€) |
|---|---|---|
| Joe Farrugia | 55, Simplicity, Bronja Street, Żurrieq | 1950.00 |
| P.C.S Ltd. | 14, Cross Road, Marsa | 2438.90 |

Il-Kunsill qabel li jagħżel l-orħos kwotazzjoni. Għaldaqstant għandha toħroġ *letter of acceptance* lil kuntrattur Joe Farrugia.

### 7.2 *Bankina fi Triq l-Għansar*

Is-Sindku rrefera għall-ilmenti li saru minn xi residenti fi Triq l-Għansar fir-rigward tal-bankina peress li din tkun tiżloq ħafna meta tagħmel ix-xita. Huwa qal li kien talab stima tax-xogħol involut biex tiġi *upgraded* din il-bankina. L-istima tax-xogħol involut tammonta għas-somma ta' €1126.06. Il-Kunsill qabel li jiġi ordnat ix-xogħol biex tiġi *upgraded* din il-bankina.

### 7.3 *Parking Bays fi Triq Dun M. Mifsud u Triq il-Begonja u refreshing*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li Transport Malta kienet approvat il-proposta tal-Kunsill kif emendata biex isiru *parking bays* fi Triq Dun M. Mifsud. Is-Sindku qal ukoll li hemm bżonn ta' *parking bays* fi Triq il-Begonja quddiem il-Klabb tal-Boċċi. Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li hemm bżonn ta' *refreshing* tal-marki tat-toroq fl-*area* ta' Triq in-Narċis.

## 7.4 *Proġetti*

### 7.4.1 *Resurfacing ta' Triq Ineż Soler*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-kuntrattur li ser jagħmel ix-xogħol ta' r*esurfacing* fi Triq Ineż Soler qed jistenna li joħroġ il-permess neċessarju biex ikun jista' jibda x-xogħol. Is-Sindku qal ukoll li ser isiru żewġ tabelli informattivi dwar il-proġetti ta' *resurfacing* ta' toroq u l-proġett tal-Jogging Track.

### 7.4.2 *Sistema ta' LED's fil-Jogging Track*

Is-Sindku qal li x-xogħol fuq l-installazjoni ta' sistema ta' LED's fil-Jogging Track miexi b'rittmu tajjeb ħafna. Huwa qal li qed isiru s-*civil works* u fi ftit ġranet oħra ser jitpoġġew sitta u erbgħin arblu.

## 8. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.30p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 24 ta' Ottubru 2011 fil-5.30p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum <u>it-Tnejn, 24 ta' Ottubru 2011</u>**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**